**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru. 161/20 JZM**

**Maurine Ann Fabri (I.D. 132405L)**

***u***

**Martes Ann Galea (I.D. 46284M)**

**bhala eredi ta` Paul Fabri**

***kontra***

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-13 ta` Awissu 2020 li jghid :-

*1. Illi b`rikors guramentat przentat fis-17 ta` Lulju 2013 kontra is-socjeta` intimata Global Capital Financial Management Limited (Rikors*

*Guramentat numru 694/13 JRM), ir-rikorrenti Maurine Ann Fabri u Martes Ann Galea, wara li ghamlu l-premessi hemm dedotti, talbu lis-socjeta` intimata Clobal Capital Managment Limited tghid ghaliex il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ma ghandhiex:*

*(1) Tiddikjara in vista ta` dak permess lis-socjeta` konvenuta Global Capital Financial Managment Limited responsabbli ghad-danni, inkluz telf tal-patrimonju, qligh uimnghax, minhabba inter alia `messelling`;*

*(2) Tikkundanna lis-socjeta` konventa Global Capital Financial Management Limited thallas lill-atturi Maurine Ann Fabri u Martes Ann Galea s-somma globali fl-ekwivalenti fi flus Wero ta` G8P59,532.98 (disgha u hamsin elt hames mija tnejn u tletin punt tmienja u disghin liri Sterlini) fuq imsemmija dovuti kif intqal fil-premessi;*

*(3) Tillikwida d-danni u/jew it-telf ta` patrimonju, qligh u imghax li sofrew l-atturi konsegwenza tal-`misselling` ipprattikat mis- socjeta` konvenuta fil-konfront tal-attrici Maurine Ann Fabri u zewgha Paul Fabri li lahaq miet qabel il-kawza;*

*(4) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Global Capital Financial Management Limited thallas lill-istess atturi rikorrenti odjerni t-telf ta` patrimonju, qligh u imghax u/iew danni fuq likwidati.*

*Bl-imghax legali fuq l-imsemmija somma ta` GBP59,532.29 kontra s-socjeta` konvenuta Global Capital Financial Management Limited mit-12 ta` Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta inkiuzi l-ittra uffucjali tat-18 ta` Jannar 2013 a tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment, u s-socjeta` konvenuta giet minn dakinhar ingunta ghas-subizzjoni;*

*2. Illi b`digriet moghti waqt is-seduta tal-20 ta` Novembru 2013 fuq talba tal-konsulent legali tar-rikorrenti l-Prim`Awla tal-Qorti Civili ddedgretat li l-proceduri kollha tal-kawza kellhom min dakinhar isiru bil-lingwa Ingliza;*

*3. Illi b`sentenza moghhja fit-8 ta` Mejju 2014 ll-Prim`Awla tal-Qorti Civili ddecidiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata Global Capital Financial Management Limited billi:*

*"For these reasons, the Court upholds the defendant company`s first preliminary plea and declares that the plaintiffs` action is affected by formal nullity on the basis of incompatible claims;*

*The Court therefore decides and rules that;*

*It upholds the first preliminary plea of the defendant company and discharges the said company from complying with the proceedings, thus declaring it non-suited, with costs against the plaintiffs";*

*4. Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza tal-Pnm`Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta` Mejju 2014 u fis-27 ta` Mejju 2014 interponew umli appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn principalment issottomettew li t-talbiet taghhom fir-rikors guramentat numru 694/13JRM mhumiex inkompatibbli kif kienet iddeccidiet l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-8 ta` Mejju 2014 ghar-ruganijiet dettaljati hemm esposti;*

*5. Illi wara li r-rikorrenti damu kwazi hames snin jistennew, l-Onorabbli Qorti tal-Appell appuntat l-appell ghas-smigh ghat-12 ta` Marzu 2019 filwaqt li d-Depatat Registratur tal-Qorti talab lir-rikorrenti sabiex jiddepozitaw is-somma ta` €7,061.82 bhala garanzija ghall-ispejjez tal-appell, sa jumejn mis-smigh tal-appell, liema somma hija aktar minn ghaxra fil-mija (10%) tas-somma kapitali li r-rikorrenti tilfu minhabba l-`misselling` tas-socjeta` intimata Global Capital Financial Managament Limited, u dan biex tigi sorvolata biss l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-istess socjeta` intimata Global Capital Financial Management Limited;*

*6. Illi wara d-diferiment tas-seduta tat-12 ta` Marzu 2019 peress li kienet mehtiega s-surroga wara l-astensjoni tal-Onor. Imhallef Joseph R. Micallet ir-rikorrenti pprezentaw rikors fl-1 ta` April 2019 fejn wara li ssottomettew:*

*"(i) That daring the first hearing of this appeal held on 12 March 2019 the plaintiff appellant declared that she was served with both the notice of hearing and with the notice of guarantee for the costs, and was informed by the Court that she is bound to pay such guarantee for costs prior to the date of the next hearing; (ii) That apparently the notice of guarantee for the costs was calculated on the value being claimed, and such a guarantee, as calculated, amounts to €7,061.; (iii) That the merit*

*of the present appeal is only in regard to a point of law since plaintiffs are appealing from the decision of the Honourable First Court which had found that "the plaintiffs` action is affected by formal nullity on the basis of incompatible claims"; (iv) That, consequently, it is the humble opinion of appellants that the guarantee for the costs ought to have been calculated as being in regard to a point of law, and not calculated on the value being claimed; (v) That it is also the humble opinion of appellants that, in the circumstances where they are frying to overturn a decision of formal. nullify of their application on oath, the requirement of having to pay €7,061 security for costs is excessive and, with respect, is tantamount to effectively obstructing them from seeking justice, especially when they have lost more than €59,000 due to investment mis-selling by defendant company."*

*talbu: "Consequently, the appellants humbly request this Honourable Court of Appeal to authorize and order the Registrar (Civil Courts and Tribunals) to review the amount of the guarantee for costs in connection with their appeal in the names above-quoted, together with any direction rt may consider giving him."*

*liema rikors se jissejjah aktar `l isfel bhala "l-ewwel rikors";*

*7. Illi fil-25 ta` Aprll 2OI9 ir-rikorrenti pprezentaw it-tieni rikors taghhom fejn wara li ppremmettew li "(i) THAT this is an appeal has been adjourned to the 7th May 2019 at 1.23A for payment of security for costs and oral submissions; (ii) THAT this is an applicatlion in terms of article 904 (1) of the Code of Civil Procedure, whereby applicant requests to be admitted to the juratory caution: she considers to have a probabilis causa litigandi, and also that she was unable to raise such security; (iii) THAT the amount invested with defendant were essentially her life`s savings, being the amount her husband saved from his self-employment as a tailor, and applicant has no other savings or assets with which to pay the guarantee since she lives only through her modest pension; (iii) THAT applicant has already filed an application before this court for the amount by way of guarantee to be taxed on the basis of a point of law and not ad valorem, and has paid the necessary service; (v) THAT with respect applicant has now to reserwe her position according to law as to the fundamental right to access to a court,"*

*talbu: "APPLICANT THEREFORE HUMBLY REQUESTS THIS HONOURABLE COURT that this Court, without prejudice to her pending application on the calculation of the amount due by way of security for costs, admit her in terms of article 904 of the Code of Civil Procedure (Chpt 12) to the juratory caution."*

*8. Illi fis-seduta tal-11 ta` Gunju 2019 l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddekretat li:*

*"The Court,*

*Having seen the application filed by appellant Maurine Ann Fabri on the 25th April 2019; Having heard her on oath; Having heard appellant Martes Ann Galea since the obligation to pay the sum to guarantee the costs of the appeal binds appellants in solidum and since the aforementioned Martes Ann Galea did not pay this sum;*

*The Court therefore declares the appeal abandoned (dezerta)."*

*9. Illi l-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrentt huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*Nuqqas ta` Dritt ta` Access ghall-Qorti bhala konsegwenza naturali tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet fundamentali tal-Bniedem.*

*10. Illi jigi umilment sottomess li ghar-ragunijiet li gejjin r`rikorrenti gew imcahhda mid-dritt prattiku u effettiv ghal access ghal-Qorti jew awtorita` gudikanti ohra.*

*(i) Bir-rispett l-Onorabbli Qorti tal-Appell naqset li tiddeciedi l-ewwel rikors prezentat mir-rikorrenti fl-1 ta` April 2019. B`dan ir-rikors l-atturi talbu li l-Onorabbli Qorti tal-Appell tordna lir-Registratur (Qrati Civili u Tribunali) jirrevedi l-ammont tal-garanzija ghall-ispejjez ta` €7,061 peress li dan gie kalkulat fuq ir-valur li qed jigi mitlub mentri t-talba tal-appellanti rikorrenti odjerni kienet fuq punt ta` ligi u cioe` appell minn decizjoni fejn l-Onorabbli Prim`Awla ta-Qorti Civili iddecidiet li the plaintiffs` action is affected by formal nullity on the basis of incompatible claims`. B`din in-nuqqas ta` decizjoni l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahhdet lir-rikorrenti minn access ghal Qorti biex il-lanjanza pincipali tagJthom ta` telf ta` investiment minhahba `misselling` tas-socjeta` intimata Global Capital Financial Management Limited tigi effettivament deciza;*

*(ii) Bir-rispett l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tad-dritt applikabbli a rigward it-tieni rikors tal-*

*appellanta rikorrenti odjerna Maurine Atnn Fabri li tinghata l-beneficcju bil-gurament ("cautio juratoria`) u b`hekk cahhdita minn access adekwat u effettiv ghall-Qorti. Fil-fatt huwa stabbilit li "Id-dispozizzjonijiet dwar il-hlas tal-kawtela tal-appell huwa ta` interpretazzjoni stretta u fid-dubbju l-Qorti ghandha ttendi biex tiffavorixxi d-drtt ta` appell u mhux li tichadu" - Joseph Chircop et (vs) Salvatore Muscat et, 28/2/1997 (Qorti tal-Appell);*

*(iii) Illi r-rikorrenti fethu l-kawza taghhom biex jithallsu ghat-telf ta` patrimunju, qligh u imghax u/jew danni quddiem il-Qrati ordinarli fis-17 ta` Lulja 2013. Illi fil-frattemp fit-18 ta` April 2016, meta r-rikorrenti kienu qed jistennew bil-herqa biex jigi appuntat l-appell taghhom minn decizjoni tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili fuq nullita`formali tar-rikors guramentat promotur taghhom, dahal fis-sehh l-Att dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarju (Kapitolu 555 tal-Ligijiet ta` Malta). B`dan l-Att twaqqaf l-Ufficcju tal-Atbitru ghas-Servizzi Finanzjarji bis-sengha li jirridmedja, jinvestiga u jiddeciedi inter alia fuq ilmenti fir-rigward tal-imgieba ta` provditur tas-servizzi finanzjarji li tkun sehhet fl-ewwel ta` Mejju 2004 jew wara. (Artikolu 21 (i) (b) tal-Kap. 555 li fil-proviso tieghu jipprovdi wkoll li "lment dwar imgieba li tkun sehhet qabel id-dhul fis-sehh ta` dan l-Att ghandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidhol fis-sehh). Madankollu, ir-rikorrenti kienu prekluzi milli jacceda quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji peresss li ai termini tas-subarikolu (2) tal-artikola 21 tas-istess Kapitolu 555 tal-Ligijiet ta` Malta l-legislatur stabbilixxa li :*

*"Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l- Att meta:*

*(a) L-imgieba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta ghal kawza quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment u li tkun dwar l-istess mertu.......:*

*Illi l-tariffa biex wiehed jaghmel ilment mal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji hija biss €25 u din tirriskontra bil-qawwi mal-ammonti mhallsa mir-rikorrenfi sabiex fethu u komplew il-proceduri qaddiem il-Qrati ordinarju u specjalment l-ammont ta` €7,061 li r-rikorrenti gew mitluba jiddepozitaw bhala garanzija ghall-ispejjez ghal appell biex iwaqqghu decizjoni ta` nullita` formali tar-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti.*

*11. Illi fid-dawl ta` dawn ic-cirkostanzi kollha r-rikorrenti gew imcahhda minn access prattiku u effettiv ghall-Qorti jew awtorita` gudikanti ohra. Filwaqt li r-rikomenti ghamlu aktar minn sitt snin*

*jipprovaw jaccedu ghal gustizzja quddiem il-Qrati Ordinarji fejn gew imcahhda minn decizjoni ta` nullita` formali u nuqqas ta` appell effettiv minn tali decizjoni, huma gew ukoll effettivament u prattikament prekluzi legislattivament milli jaccedu b`€25 quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji peress li kien fethu proceduri quddiem il-Qrati ordinarji ferm qabel li dahlet bis-sehh il-ligi li stabbilietu, liema proceduri fl-ahhar mill-ahhar sfaw inutli minhabba formalita` zejda u rikjesti ghal-hlas eccessiv biex ir-rikorrenti jaccedu ghal-gustizzja kif ghandhom dritt jaghmlu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex pevja kull dikjarazzjoni necessarja:*

*(1) Tiddikjara li gew lezi d-drittrjiet kostituzzjonali tar-rikorrenti fosthom dawk enunzjati fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali inkorporala fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzoni Ewropea, Kap. 319 Ligijiet ta` Malta;*

*(2) Konsegwentement tiddikjara null u invalidu fil-ligi d-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-11 ta` Gunju 2019 fejn l-istess Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell tar-rikorrenti odjerni dezert; u*

*(3) Taghtihom dawk ir-rimedji kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni ghat-twettieq ta` dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li r-rikorrenti jinghataw dritt ghal access ghal Qorti jew awtorita` gudikanti ohra sabiex it-talbiet originali legittimi taghhom jiga decizi b`mod prattiku u effettiv.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fis-17 ta` Settembru 2020 li taqra :-

*1. Illi qabel xejn billi r-rikorrenti qeghdin f`din il-kawza jitolbu fost hwejjeg ohra li din l-Onorabbli Qorti tintervjeni u taghti xi decizjonijiet li jistghu jolqtu l-proceduri civili bin-numru 694/2013JRM, fejn kien hemm involuta wkoll il-kumpannija Global Capital Financial Management Limited, allura jinhass xieraq ghall-ghanijiet ta` integrità ta` gudizzju li din il-kumpannija tkun parti hija wkoll f`din il-kawza. Tassew*

*mill-perspettiva tal-artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta huwa fl-interess tar-rikorrenti stess li jdahhlu lill-Global Capital Financial Management Limited f`din il-kawza; jekk huma jridu li s-sentenza f`din il-kawza tigi torbot u tghodd ghal din il-kumpannija wkoll;*

*2. Illi hekk ukoll, hemm bzonn li jiddahhal fil-kawza d-Direttur Generali (Qrati), jekk kemm-il darba r-rikorrenti jridu b`din il-kawza li tigi mistharrga l-ammont tal-garanzija ghall-ispejjez tal-appell fil-kaz 694/2013JRM mahruga mir-registratur tal-Qorti skont l-artikolu 249 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*3. Illi lil hemm minn dan, l-esponent jemmen li r-rikorrenti ma kellhomx ghalfejn jinqdew bil-proceduri kostituzzjonali biex jattakkaw id-digriet ta` dezerzjoni moghti mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Gunju 2019. Digrieti inkluz dawk ta` dezerzjoni, kuntrarjament ghal sentenzi, jistghu jigu attakkati permezz ta` rikors mahluf;*

*Billi ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom f`idejhom rimedju ordinarju tajjeb biex jikkontestaw id-digriet ta` dezerzjoni, m`hemmx lok ghalfejn din l-Onorabbli Qorti ghandha tinqeda bis-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha skont kif imsemmi fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*4. Illi bla hsara ghal dan, f`dak li ghandu x`jaqsam bhala mertu tal-ilment ta` ksur ta` smigh xieraq, jissokta billi jinghad li r-rikorrenti m`ghandhomx ragun jilmentaw mill-fatt li l-Qorti tal-Appell ma ddecidietx it-talba taghhom dwar kif inhadmet il-garanzija ghall-ispejjez tal-appell;*

*Tassew il-Qorti tal-Appell ghamlet sew li ma ddecidietx din it-talba ghaliex talba bhal dik kellha ssir b`azzjoni ad hoc kontra d-Direttur Generali (Qrati) u mhux b`rikors fl-atti tal-appell bejn terzi. Wara kollox, il-garanzija tal-ispejjez skont l-artikolu 249 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta hija att tar-registratur u ghalhekk biex din tigi kkontestata kellha ssir azzjoni apposta kontra min hareg dan l-att;*

*5. Illi f`kull kaz, ir-rikorrenti m`ghandhomx ragun jghidu li l-garanzija tal-ispejjez giet mahduma hazin. Anzi r-registratur ghamel sew li hadem il-garanzija tal-ispejjez fuq il-valur tad-danni li r-rikorrenti kienu qeghdin jitolbu fil-kawza 694/2013JRM u ma hadimx il-garanzija tal-ispejjez bhallikieku l-kawza kienet wahda dwar punt ta` ligi;*

*Ghad li l-kawza 694/2013JRM intilfet quddiem l-Ewwel Qorti minhabba nuqqas formali fit-tfassil tar-rikors mahluf, dan ma jbiddilx in-natura tal-azzjoni fil-kawza, viz. dik ta` hlas ta` danni f`ammont li joqrob is-sittin elf Sterlina Ingliza;*

*6. Illi r-rikorrenti lanqas m`ghandhom ragun jghidu li huma ma setghux jaghmlu uzu mir-rimedji mdahhla fil-ligi bis-sahha tal-Kap 555 tal-Ligijiet ta` Malta. Is-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-kawza 694/2013JRM (ara Dok. AS1) ma qalitx li r-rikorrenti ma kellhomx ragun fit-talbiet taghhom kontra Global Capital Financial Management Limited. Mod iehor, f`din is-sentenza dik il-Qorti qalet biss li l-avukat li fassal ir-rikors mahluf, ha zball ghaliex huwa dahhal fih talbiet li ma setghux joqghodu flimkien; u sewwasew ghalhekk, minhabba dina n-nullità formali fir-rikors, hija helset lil Global Capital Financial Management Limited mill-harsien tal-gudizzju;*

*Ifisser dan kollu, illi ladarba l-Prim`Awla tal-Qorti Civili baqghet ma ddecidiet qatt il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, allura ma kien hemm xejn xi jzomm lir-rikorrenti milli jekk iridu jcedu l-appell taghhom u jressqu ilment quddiem l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji skont l-artikolu 21 tal-Kap 555 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*7. Illi naturalment jekk ir-rikorrenti nsistew li jkomplu bl-appell taghhom biex jippruvaw isalvaw ir-rikors mahluf taghhom u sadanittant lahaq ghadda z-zmien ta` sentejn biex iressqu l-ilment taghhom quddiem l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji skont l-artikolu 21 tal-Kap 555 tal-Ligijiet ta` Malta, dan kien frott tal-ghazliet taghhom u mhux ghaliex kien hemm xi ghemil hazin jew nuqqas tal-Istat;*

*8. Illi f`dan il-kuntest ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghu jsibu l-ebda wens fl-argument taghhom li l-ispejjez biex jitessaq ilment quddiem l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji huwa hafna inqas mill-ispejjez quddiem il-Qorti tal-Appell. Jekk ir-rikorrenti ma marrux quddiem l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji dan kien hekk ghaliex huma stess ghazlu li jmorrux quddiem, ghaliex ippreferew li jiddefendu s-siwi tar-rikors mahluf fil-kawza 694/2013;*

*Issa jekk wara dawn is-snin kollha hareg li r-rikorrenti hadu d-decizjoni l-hazina li jibqghu jiddefendu r-rikors mahluf 694/2013 u b`hekk hallew jaharbilhom ir-rimedju gdid imdahhal bil-Kap 555 tal-Ligijiet ta`*

*Malta, ir-rikorrenti m`ghandhomx hlief li jlumu lilhom infushom ghad-decizjoni li hadu;*

*9. Illi bla hsara ghal dan kollu, safejn ir-rikorrenti qeghdin jghidu li huma gew imcahhda minn access ghall-qorti minhabba d-digriet ta` dezerzjoni, tajjeb li jinghad li l-jedd ta` access ghall-qorti taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex wiehed assolut jew minghajr limiti. Sewwasew f`dan il-kaz huwa mistenni u accettat li proceduri gudizzjarji jistghu jkunu soggetti ghall-hlas ta` spejjez gudizzjarji. Il-gbir tal-ispejjez gudizzjarji huwa minnu nnifsu xi haga legittima u ragonevoli anke jekk tkun oneruza f`certu kazijiet;*

*10. Illi barra minn hekk, wiehed ma jridx jinsa wkoll li persuna tista` titlob li tigi mehlusa milli thallas din il-garanzija skont l-artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, jekk kemm-il darba din turi li hija ghandha mad-daqqa t`ghajn argument validu biex tappella u tahlef li hija m`ghandhiex mezzi biex thallas il-garanzija tal-ispejjez. B`dan il-mod ghalhekk il-ligi tohloq bilanc gust u xieraq bejn il-partijiet sabiex ma ccahhadx lil dak li jkun mid-dritt tieghu illi jappella minn sentenza u fl-istess hin ma thallix lil dak li jkun li jressaq appell li jkun car li sar biss biex itawwal iz-zmien;*

*11. Illi fil-kaz taghna, ir-rikorrenti Martes Ann Galea li appellat flimkien ma` Maurine Anne Fabbri mis-sentenza fil-kawza 694/2013 ma halfitx quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta li hija ma kellhiex mezzi finanzjarji biex thallas il-garanzija tal-ispejjez;*

*Il-garanzija tal-ispejjez kienet wahda li kellha tithallas flimkien bejn Martes Ann Galea u Maurine Anne Fabbri b`mod solidali. Jigi b`hekk, li l-Qorti tal-Appell qalet sew fid-digriet taghha tal-11 ta` Gunju 2019 (ara Dok. AS2), li l-appell ghandu jigi meqjus bhala dezert, ladarba Martes Ann Galea ma halfitx hija wkoll li m`ghandhiex il-flus biex thallas il-garanzija;*

*12. Illi f`dan l-isfond ghalhekk ir-rikorrenti mhumiex siewja meta jghidu li huma gew imcahhda mill-jedd tal-appell taghhom. Jekk xejn, kien in-nuqqas taghhom stess li wassalhom ghat-telf tal-appell taghhom. Jigi b`hekk, li ma sehh l-ebda ksur la tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u lanqas tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*13. Illi fl-ahharnett, la l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa`, ma jistghux lanqas jintlaqghu t-tieni u t-tielet talba taghhom dwar ir-rimedji li ghandhom jircievu;*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta` dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2020 il-qorti tat direzzjoni lill-partijiet sabiex qabel tidhol fil-mertu kienet sejra tippronunzja ruhha dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet. Ghalhekk il-kawza il-kawza thalliet ghall-udjenza tal-15 ta` Frar 2021 sabiex isiru provi u sottomissjonijiet dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**Rat illi fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2021, b`riferenza ghat-tieni eccezzjoni, saret dikjarazzjoni min-naha tar-rikorrenti. In vista ta` dik id-dikjarazzjoni, l-intimat irtira t-tieni eccezzjoni .**

Rat illi fl-istess udjenza saru sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra.

## II. L-ewwel eccezzjoni

**Fis-sostanza** dak li qed ikun eccepit huwa illi ladarba fil-kawza odjerna din il-qorti qeghda tkun mitluba taghti decizjoni dwar x`sar fil-kawza bin-nru. 694/2013 JRM, il-kumpannija Global Capital Financial Management Limited, li kienet konvenuta f`dik il-kawza, ghandha tkun parti fil-kawza odjerna ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju.

**<u>Bhala fatt</u>**, l-Avukat tal-Istat ma talabx il-kjamata fil-kawza tal-kumpannija li kienet konvenuta fil-kawza bin-nru. 694/2013 JRM. Kemm irrileva li kien fl-interess tar-rikorrenti li taghmel it-talba.

Dwar l-eccezzjoni, is-sottomissjoni li ghamlu ir-rikorrenti fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2021 kienet li kieku kellu jkun deciz li Global Capital Financial Management Limited kellha tkun parti fil-kawza huma ma kellhomx ibatu spejjez.

**Il-qorti tghid li l-uniku mod kif Global Capital Financial Management Limited tista` tilqa` ghall-effetti ta` kwalsiasi decizjoni li din il-qorti tista` taghti fil-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti fil-kawza tal-lum huwa li tkun <u>parti</u> (ghad-differenza ta` osservatur) f`din il-kawza billi tkun kjamata fil-kawza.**

## III. <u>Dritt</u>

**<u>L-Art 960 tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

"*Kull min juri b`sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu*

*interess f`kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista` fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f`kull waqt taghha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta` appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha*."

**<u>L-Art 961 tal-Kap. 12</u>** jaqra hekk :-

"*Tista` wkoll terza persuna, b`digriet tal-Qorti, f`kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, tigi msejha f `kawza miexja bejn partijiet ohra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta` wahda mill- partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba.*"

**Ghall-iskop tal-kaz tal-lum, id-disposizzjoni rilevanti hija l-<u>Art 961 tal-Kap 12</u>.**

## IV. **Gurisprudenza**

Fid-decizjoni illi tat fit-18 ta` Novembru 1998 fil-kawza "**Direttur Generali tal-Avjazzjonji Civili v. Panta Contracting Limited et**" din il-qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruhha dwar fejn tkun mehtiega kjamata fil-kawza.

Il-qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :-

> *"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-giudizzju, b` mod li l-presenza ta` tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-reintegrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.*
>
> *Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il-kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (**Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru 1991)."*

Il-procedura **mahsuba mil-ligi stess** tal-kjamata fil-kawza kienet applikata mill-qrati taghna sabiex :-

(a) jigu evitati moltiplicita ta` kawzi u gudizzji :

"**Alfred Zammit Cutajar v. Joseph Formosa**"

(App.Civ. 26 ta` Gunju 1961) ;

(b) tigi evitata possibilita ta` gudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzjoni :

"**Barbara v. Mallia**"

(App. Civ. 26 ta` Ottubru 1956) ;

(c) l-interess tal-konvenut fil-konfront ta` terza persuna jigi protett –

"**<u>Joseph Calleja v. Av. Joseph Micallef et noe</u>**"

(Prim Awla. 11 ta` Marzu 1952) ;

**(d) ikun fl-interess ta` t-terza persuna u l-attur illi l-gudizzju jkun osservat sew :**

**"<u>Anthony Cini v. Joseph Demanuele</u>"**

**(App.Civ. 8 ta` Frar 1946).**

Dan premess, il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Jannar 1997 fil-kawza "**<u>Anthony Azzopardi et v. Calcedonio sive Donald Attard et</u>**" fejn inghad :-

*"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah".*

*"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista` tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista` jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr majigi kundannat jew liberat, ikun jista` jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".*

(ara wkoll : **<u>Joseph Cassar v. George Pace pro. et. nomine</u>** deciza fis-6 ta` Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell; **<u>Joseph Riolo pro. et noe v. Carmel Muscat et</u>** - App. Civ. 15 ta` Novembru 1991 ; **<u>Michael Cutajar pro et noe v. S.C. & Company Limited</u>** deciza fit-8 ta`Ottubru 2004 ; u **<u>Saviour Borg et. v. Joseph Degiorgio et</u>.** deciza fl-1 ta`Lulju 1999)

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et</u>**" fis-6 ta`

Mejju 2014 kienet trattata talba ghas-sejha fil-kawza fil-kors ta` azzjoni dwar ksur ta` jedd fondamentali.

Il-qorti qalet hekk :-

*"Illi huwa maghruf li biex il-Qorti tilqa` talba ghal sejha fil-kawza ta` terzi jehtieg jintwera li jkunu jezistu l-elementi mitluba mid-duttrina l-izjed stabilita f`dan ir-rigward. Minn kliem il-ligi, s-sejha fil-kawza ta` terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet ohrajn tista` tintalab biss meta l-kawza tkun ghadha ma thallietx ghas-sentenza u biss fi procediment li jkun ghadu fl-ewwel istanza. Izda tali sejha tista` ssir kemm fuq talba ta` xi wahda mill-partijiet u kif ukoll, minghajr dik it-talba, mill-Qorti nnifisha jekk jidhrilha li huwa xieraq li dan isir (ara per ezempju P.A. JSP 4.5.1992 fil-kawza fl-ismijiet* ***Jean Depasquale noe vs David Jones****);*

*Illi l-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b`differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f`dik il-kawza jista` jinheles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza inharget mill-bidunett kontrih;*

*Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi,*

*l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta` kawzi fuq l-istess mertu (App. Civ. 23.3.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Sant Cassia et vs Montebello et*** *(Kollez. Vol:XLVI.i.171) meta dawk il-persuni jistghu jitqieghdu f`gudizzju*

*wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom (Ara per ezempju, App. Civ. 23.11.1898 fil-kawza fl-ismijiet **Stepton vs Spiteri** (Kollez. Vol: XVI.i.117). Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas tal-istitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncett fondamentali ta` interess tal-parti li toqghod f`gudizzju;*

*Illi l-interess li jsejjes is-sejha fil-kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, mhux necessarjament fis-sens li l-imsejjah fil-kawza jkun kundannat jew mehlus, imma fis-sens li jsostni r-ragunijiet tal-attur jew tal-imharrek, jew sahansitra tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet (Ara App. Civ 27.1.1997 fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Azzopardi et noe vs Calcedonio sive Donald Attard et**). Imma, fi kwalunkwe kaz, l-interess tal-imsejjah fil-kawza ghandu jkun ta` livell bhal dak imfisser minn hafna sentenzi taghna bhala l-interess guridiku li ghandu jkollha parti fil-kawza. Fil-kaz prezenti, dan l-interess li jrid jintwera ghandu jkun l-interess ta` persuna mharrka;*

*Illi huwa stabilit ukoll li, minbarra l-ghan tal-ekonomija tal-gudizzji, l-istitut tas-sejha fil-kawza huwa mahsub ukoll li jiggarantixxi l-integrita` tal-gudizzju. Izda nghad ukoll li "l-istitut tal-kjamata fil-kawza ma jistax jigi applikat, m`ghandux ikun hemm rikors ghalih, fil-kazijiet fejn il-gudizzju jkun diga` integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilta` tal-konvenut vis-a`-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x`relazzjonijiet jista` jkollu hu ma` haddiehor li, kwantu l-attur, jibqa` terz" (App. Inf. 18.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Fava** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.1110);*

*Illi, kif inghad, il-Qrati taghna stabilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawza jmissha tigi meqjusa,*

*u, b`mod partikolari, f`liema cirkostanzi ghandha tintlaqa` talba ghal tali sejha u, b`mod izjed siewi, meta m`ghandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa` talba bhal din;*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f`persuna biex minnu tista` tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni (P.A. 29.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet **Libreri vs Staines noe** (Kollez. Vol: XXIX.ii.706) u s-sentenzi hemm imsemmija). Madankollu, s-sejha fil-kawza m`ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin, jew ikunu gew imharrkin hazin (P.A. 6.2.1962 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone noe vs Magri** (Kollez. Vol: XLVI.ii.561) u l-bosta sentenzi hemm imsemmija; u App. Kumm. 19.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet **Wismayer et vs Wismayer et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.955);*

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawza ssir mill-parti mharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, din it-talba tista` ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawza. Tista` ssir ukoll mill-Qorti ex ufficio, izda qatt minn u fuq talba tal-imsejjah innifsu (App. Civ. 11.5.2011 fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika noe et**). Ghal xi zmien kien jinghad li ma ghandhiex tintlaqa` talba ghas-sejha fil-kawza min-naha tal-attur meta dan seta` jew suppost li kien jaf bl-ezistenza jew l-interess ta` persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu harrek sa mill-bidu (App. Civ.: 14.1.1938 fil-kawza fl-ismijiet **Captur vs Felice** (Kollez. Vol: XXX.i.1) u s-sentenzi hemm imsemmijin). Izda llum jidher li t-tifsira vera ta` dan il-punt thares izjed lejn il-kwestjoni tal-interess guridiku tal-imsejjah milli lejn l-gharfien jew le tal-attur (qabel*

*ma bdiet il-kawza) dwar kull min seta` kellu interess (Ara P.A. JSP 16.3.1993 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imhallef Carmelo Schembri et*** *u s-sentenzi hemm imsemmija) u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejha fil-kawza ma tintuzax biex jiddahhal fil-kawza mharrek iehor flimkien mal-imharrek originali li ma messu tharrek qatt (App. Civ. 26.4.1971 fil-kawza fl-ismijiet:* ***Vincenzina Cassar vs Anthony Vella*** *u s-sentenzi hemm imsemmija);*

*Illi meta saret it-talba f`isem ir-rikorrent biex din il-Qorti tordna s-sejha fil-kawza tal-Avukat Generali, l-gharef difensur tieghu iggustifika t-talba fuq dak li jissemma fil-paragrafi ghaxra (10), hdax (11) u tnax (12) tar-rikors promotur. Dawn it-tliet paragrafi jitkellmu dwar ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent min-naha tal-qrati li kienu qeghdin jisimghu l-kaz tieghu u qatghu s-sentenzi rispettivi. Huwa zied jghid li "din it-talba la tolqot negattivament u lanqas tippregudika lill-intimati prezenti. Inoltre dejjem gie ritenut illi fil-proceduri quddiem il- Prim`Awla Kostituzzjonali tigi adottata flessibilita` bil-ghan illi l-proceduri jistghu jwasslu ghall-ksib ta` rizultat li ghalih kienu intizi";*

*Illi, wara li qieset il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u dan fil-qafas tat-taghrif li tressaq s`issa quddiem din il-Qorti, hija tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent jixraq li tintlaqa`. Fl-ewwel lok, ghalkemm huwa minnu li l-intimati ma qajmu l-ebda eccezzjoni dwar jekk humiex il-kontraditturi legittimi tal-azzjoni attrici u lanqas eccezzjoni dwar in-nuqqas ta` integrita` tal-gudizzju, it-tliet paragrafi msemmija tar-rikors promotur jirrigwardaw ilmenti ta` ksur ta` dritt fundamentali min-naha ta` istituzzjoni (l-qrati) li z-zewg intimati ma jirrapprezentaw bl-ebda mod. Fit-tieni lok, il-persuna li l-gurisprudenza tqis bhala l-legittimu kontradittur xieraq f`kazijiet fejn*

*jitqajjem ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali dwar smigh xieraq minhabba operat partikolari ta` qorti huwa l-Avukat Generali (Ara, b`ezempju, Kost. 8.11.2004 fil-kawza fl-ismijiet: **<u>Xuereb vs Registratur tal-Qrati et</u>** (Kollez. Vol: LXXXVIII.i.360) u Kost. 7.10.2005 fil-kawza fl-ismijiet: **<u>Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura et</u>** fost bosta ohrajn).*

*Fit-tielet lok, it-talba ghas-sejha fil-kawza saret f`waqt li l-ligi thalli li ssir ladarba l-kawza ghadha fl-istadju (ghalkemm inoltrat) tat-tressiq tal-provi tal-intimati, u ghadha ma thallietx ghas-sentenza;*

*Illi l-Qorti tqis li ladarba kien ir-rikorrent innifsu li talab is-sejha fil-kawza u dan wara li kien iddikjara li ma kellux aktar provi x`iressaq, hija qieghda tilqa` t-talba tieghu biss ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq u bil-fehma shiha li ma jergax jinfetah il-gbir tal-provi tar-rikorrent u dan ghaliex ir-ragunijiet li wasslu biex it-talba tieghu tintlaqa` kienu jezistu sa mill-bidu tal-kawza u messhom kienu hwejjeg maghrufa minn dak il-waqt.*

*Minbarra dan, is-sejha fil-kawza tal-Avukat Generali trid issir bi spejjez ghar-rikorrent."*

## V. <u>Risultanzi</u>

**Abbazi tal-fatti kif jirrizultaw mill-atti, u fl-isfond tal-gurisprudenza fuq citata, ghal din il-qorti <u>jirrizulta li Global Capital Financial Management Limited ghandha l-interess rikjest mil-ligi sabiex tkun parti fil-procediment odjern bhala kjamata fil-kawza</u>, billi kemm dan il-procediment kif ukoll l-esitu tieghu huwa direttament, sostanzjalment u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi relatat mal-kawza bin-numru 694/2013 JRM.**

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat billi :**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna l-kjamata fil-kawza tal-kumpannija Global Capital Financial Management Limited (C30053).**

**Tordna n-notifika lill-kjamata fil-kawza tal-atti promotorji tal-azzjoni tar-rikorrenti, spejjez ghall-intimat Avukat tal-Istat.**

**Taghti lill-kjamata fil-kawza zmien ghoxrin (20) jum min-notifika sabiex tipprezenta risposta.**

**L-ispejjez relatati mad-decizjoni tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**

**Imhallef**

**Amanda Cassar**

**Deputat Registratur**